# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmintax (18) ta' Jannar 2024**

**Rikors Numru 1193/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Joseph Gatt [K.I. Nru. 424369(M)]**

**v.**

**Cleaven Camilleri [K.I. Nru. 422882(M)]; u**

**Joseph Camilleri [K.I. Nru. 372357(M)]**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Diċembru 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Fil-15 ta' Novembru tas-sena 2016, ir-rikorrenti ssellef brevi manu mingħand l-intimat Joseph Camilleri s-somma ta' għaxart elef Euro (EUR10,000.00).*

    2. *Imbagħad, fil-31 ta' Jannar tas-sena 2017, ir-rikorrenti ssellef brevi manu mingħand l-intimat Joseph Camilleri is-somma ta' tlett elef Euro (EUR3,000.00); fil-31 ta' Lulju tas-sena 2017 ir-rikorrenti reġa' ssellef brevi manu mingħand l-intimat Joseph Camilleri is-somma ta' elfejn u tlett mitt Euro (EUR2,300.00).*

    3. *Fil-15 ta' Novembru tas-sena 2016, ir-rikorrenti ssellef brevi manu mingħand l-intimat Cleavan Camilleri (iben l-intimat Joseph Camilleri) s-somma ta' erbat elef Euro (EUR4,000.00).*

4. *Imbagħad, fil-31 ta' Lulju tas-sena 2017, ir-rikorrenti ssellef brevi manu mingħand l-intimat Cleaven Camilleri is-somma ta' elf Euro (EUR1,000.00).*

5. *Bħala garanzija ta' pagament għal dan l-istess self, u kif irid l-art. 1965 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti kkunsinna lill-intimati vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440' u kif ukoll id-dokumenti li setgħu jagħtu l-jedd esklussiv lill-intimati li jiddisponu mill-ħaġa; din il-vettura kellha tinżamm mill-intimati Camilleri bħala rahan sakemm is-somom mislufa effettivament jitħallsu a saldu.*

6. *Il-ftehim tal-kontendenti kien illi l-intimati ma setgħux liberament jiddisponu mill-imsemmija vettura mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti.*

7. *Tul iż-żmien li l-vettura kienet fil-pussess tal-intimati, l-istanti kellu fil fatt aċċess liberu għall-istess tant illi nhar ta' Ħadd kien saħansitra joħroġ bl-imsemmija vettura.*

8. *Ir-rikorrenti mill-ewwel beda jħallas ratealment sakemm, meta fil-11 ta' Settembru 2017, huwa pprova jwettaq ħlas a saldu, intalab mill-intimati jħallas l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Euro (EUR25,000.00).*

9. *Hekk kif ir-rikorrenti ffaċċja lill-intimati illi dan kien ser ifisser impożizzjoni ta' rata ta' imgħax għola minn dik permessa mil-Liġi fl-art. 1852 (1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-intimati bdew jheddu lir-rikorrenti li l-vettura mirgħuna seta' jinsiha. Aktar riċentement l-intimati bdew jirreklamaw għall-bejgħ l-istess vettura fuq numru ta' siti soċjali. Dan kjarament bil-għan li r-rikorrenti jitqiegħed f'sitwazzjoni li jkollu jissokkombi għat-talbiet u kundizzjonijiet illegali tal-intimati. Dan l-aġir ġie rappurtat lill-Pulizija Eżekuttiva.*

10. *Kien hawnhekk illi r-rikorrenti ressaq rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati sabiex din l-Onorabbli Qorti tinibihom milli jbiegħu, ineħħu, jitrasferixxu, jgħaddu l-pussess, isellfu, jew jiddisponu inter vivos, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, jew b'xi mod jagħmlu xi piżijiet fuq il-vettura fuq imsemmija. Din l-Onorabbli Qorti laqgħet dan ir-rikors permezz ta' digriet tal-25 ta' Novembru 2020.*

11. *Sal-llum, ir-rikorrenti ħallas lill-intimati s-somma ta' sbatax-il elf u sitt mitt Euro (EUR17,600.00) kontra l-kapital li għalihom dan ir-rahan kien suġġett. Huwa offra l-ħlas ulterjuri ta' elfejn u seba' mitt Euro (EUR2,700.00) a saldu tal-kapital u l-imgħax applikabbli skont il-Liġi sas-7 ta' Ottubru 2018, data meta r-rikorrenti offra l-ħlas a saldu tal-kapital u l-imgħax dekors. L-intimati iżda, irrifjutaw kemm li jaċċettaw il-ħlas u kif ukoll ir-radd lura tal-vettura surriferita.*

***Raġuni tat-Talba***

*Għaldaqstant kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

***Talbiet***

*Jgħidu għalhekk l-intimati, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara illi l-kontrattazzjoni bejn il-kontendenti, u ċioe' s-self brevi manu mogħti mill-intimati lir-rikorrenti huwa milqut minn kawża illeċita, u konsegwentement null u bla effett f'dik il-parti tiegħu fejn ġiet imposta fuq ir-rikorrenti rata ta' imgħax għola minn dik permissibbli mil-Liġi.*

2. *Tiddikjara illi r-rikorrenti ħallas lill-intimati s-somma ta' sbatax-il elf u sitt mitt Euro (EUR17,600.00) kontra l-kapital tas-self li għalih huwa ta' b'rahan lill-intimati l-vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440'.*

3. *Tiddikjara illi r-rikorrenti fadallu jħallas biss lill-intimati s-somma ulterjuri ta' elfejn u seba' mitt Euro (EUR2,700.00) a saldu tal-kapital flimkien mal-imgħax applikabbli skont il-Liġi sas-7 ta' Ottubru 2018, data meta r-rikorrenti offra l-ħlas a saldu tal-kapital u l-imgħax dekors.*

4. *Tiddikjara konsegwentement illi r-rikorrenti baqa' sid il-ħaġa mirhuna u ċioe' il-vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440'.*

5. *Tordna lill-intimati, jew liema minnhom, sabiex, hekk kif ir-rikorrenti jħallas is-somma stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti skont it-tielet talba premessa, jroddu lura lir-rikorrenti, fi żmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti l-vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440' u kif ukoll id-dokumenti li jistgħu jagħtu l-jedd esklussiv lill-pussessur tagħha li jiddisponu mill-ħaġa.*

6. *Tordna lill-intimati, jew liema minnhom, sabiex fl-istess żmien minnha prefiss skont it-talba preċedenti jiffirmaw kwlaunkwe dokumentazzjoni meħtieġa sabiex il-vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440' tiġi reġistrata f'isem ir-rikorrenti.*

7. *F'każ li l-intimati jonqsu milli jaderixxu mat-talbiet preċitati, tawtorizza lir-rikorrenti, okkorrendo bl-intervent ta' uffiċjali tal-Qrati tal-Ġustizzja u/jew tal-Pulizija Eżekuttiva, jieħu lura l-pussess tal-vettura tat-tip Pointac Trans AM Saloon bir-reġistrazzjoni numru 'SIX-440' u kif ukoll tad-dokumenti li jistgħu jagħtu l-jedd esklussiv lill-pussessur tagħha li jiddisponu mill-ħaġa u tinnomina kuraturi deputati sabiex jidhru fil-kontumaċja tal-intimati skont it-talba immedjatament preċedenti.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni bir-riferenza numru 1549/2020 MH, imorru kontra l-intimati, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-risposta ta' Cleaven u Joseph Camilleri, ippreżentata fit-2 ta' Frar 2021, fejn laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

    1. *Illi l-azzjoni attriċi kif proposta hija milquta bil-preskrizzjoni estintiva u/jew bit-termini ta' dekadenza kif kontemplati fil-liġi;*

    2. *Illi t-talbiet attriċi kollha għandhom jiġu miċħuda għaliex infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għas-segwenti raġunijiet:*

        (i) *il-verżjoni fattwali dwar ir-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet kif ippreżentata mir-rikorrent fir-rikors promotur hija waħda immaġinarja u ineżistenti kif ser jirriżulta fil-kors tas-smiegħ tal-kawża odjerna;*

        (ii) *ma' jeżisti ebda kuntratt ta' self brevi manu u ebda kuntratt ta' rahan bejn il-partijiet;*

        (iii) *wisq anqas ma' jeżistu u/jew qatt eżistew stipulazzjonijiet illeċiti kif allegat mir-rikorrent għal-liema allegazzjonijiet issa huwa jrid iwieġeb;*

        (iv) *il-vettura mertu tat-talbiet rikorrenti, u ċioe' l-Pontiac Transam Saloon bin-numru ta' reġistrazzjoni 'SIX-440' hija propjeta' assoluta tal-esponenti jew min minnhom u dan in konsegwenza ta' kuntratt finali u definittiv ta' bejgħ tal-istess oġġett bejn il-partijiet kontendenti li ma' jistax issa jinbidel jew jiġi mreġġa' lura sempliċiment a voglia ta' waħda mill-partijiet minħabba ripensament u dan in linja mal-prinċipju pacta sund servanda u dan ukoll kif ser jirriżulta fil-kors tas-smiegħ tal-kawża odjerna;*

    *Bl-ispejjeż u bir-rikorrent inġunt in subizzjoni.*

## Provi

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija:

    a. Kwerela lill Kummissarju tal-Pulizija datata 22 ta' Ottubru 2019 (fol 7).
    b. Rendikont tal-flejjes mislufa lir-rikorrent u pagamenti minnu magħmula (fol 10 - 12).
    c. Riproduzzjoni ta' messaġġi illi saru fl-aħħar kwart tas-sena 2017 (fol 13).
    d. Digriet fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-istess ismijiet Nru 1549/2020 u datat 25 ta' Novembru 2020 (fol 14).

4. Rat l-affidavit tar-rikorrent **Joseph Gatt** ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2021 (fol 34) u rat id-dokumenti minnu ppreżentati, fosthom rapport lill-Pulizija datat 17 ta' April 2019.

5. Rat ix-xhieda ta' **Dr Chris Spiteri**, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2021 in eżami (fol 46) u rat id-dokumenti minnu ppreżentati.

6. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in eżami tar-rikorrenti Joseph Gatt mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2021 (fol 59).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Louis Bellizzi**, bħala rappreżentant tal-Fondazzjoni tal-Użura fi ħdan il-Caritas, prodott mir-rikorrent u mogħtija in eżami u kontro eżami fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 69).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Cleaven Camilleri**, prodott mir-rikorrent u mogħtija in eżami u kontro eżami fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 73).

9. Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Gatt mogħtija in kontro eżami fl-4 ta' Ottubru 2022 (fol 81).

10. Semgħet ix-xhieda ta' **Joseph Camilleri** in eżami u kontro eżami mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2022 (fol 87).

11. Rat illi fid-19 ta' Jannar 2023, l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi.

12. Rat illi fit-19 ta' Jannar 2023, il-konsulenti legali talbu illi jittrattaw oralment, u għal dan il-għan il-kawża ġiet differita għat-3 ta' April 2023 għat-trattazzjoni.

13. Rat illi fit-3 ta' April 2023, trattazzjoni ma setgħetx ssir stante illi l-konsulent legali ta' l-intimati ma setax jattendi u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

14. Rat illi fit-2 ta' Mejju 2023, ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti.

15. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2023 ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-intimati.

16. Rat illi fit-28 ta' Ġunju 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti skond ir-rikorrent

17. Jirriżulta illi r-rikorrent, li kien jaħdem fil-qasam tal-għamara u siġġijiet tal-injam, kien propretarju tal-vettura Pointac Trans AM Saloon tas-sena 1970, bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX-440, liema vettura issa tinstab reġistrata f'isem l-intimat Joseph Camilleri, li huwa mastrudaxxa wkoll.

18. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi bejn il-15 ta' Novembru 2016 u l-31 ta' Lulju 2017, l-intimat Joseph Camilleri, li kien ħabib tiegħu u għamlu varji negozju flimkien fil-qasam li kellhom in komuni, w it-tifel tiegħu Cleaven Camilleri, kienu sellfu lil-istess rikorrent somma komplessiva ta' €20,300.

19. Skond r-rikorrent Joseph Gatt, fil-15 ta' Novembru 2016 Joseph Camilleri sellfu €10,000 filwaqt illi Cleaven Camilleri sellfu €4,000. Sussegwentement, fil-31 ta' Jannar 2017, huwa ssellef €3,000 mingħand Joseph Camilleri. Finalment, fil-31 ta' Lulju 2017, huwa ssellef €2,300 mingħand Joseph Camilleri u €1,000 mingħand Cleaven Camilleri.

20. Jirriżulta illi ma teżisti ebda kitba dwar tali self, liema self, skond ir-rikorrent, sar kollu fi flus kontanti.

21. Skond ir-rikorrent, bħala garanzija għall-ħlas ta' tali flejjes mislufa, ir-rikorrent kien dawwar il-vettura fuq imsemmija SIX-440 fuq l-intimat Cleaven Camilleri.

22. Jirriżulta illi, minkejja illi l-vettura kienet fuq isem l-intimat Cleaven Camillieri u fil-pussess ta' Joseph Camilleri, ir-rikorrent kien jitħalla jsuq il-vettura okkazzjonalment sabiex l-vettura tibqa' tintuża kif ukoll itellagħha għal shows ta' vetturi antiki meta jkunu organizzati, u dana jsir sakemm r-rikorrent għamel żmien ma jgħaddix pagamenti w inqala' diżgwid bejniethom dwar ir-radd tal-flejjes mislufa lir-rikorrent.

23. Jirriżulta li r-rikorrent jisħaq illi bejn l-Diċembru 2016 u Awissu 2017 huwa ħallas €8,800 lil Joseph Camilleri filwaqt illi ħallas €6,800 lil Cleaven Camilleri, jiġifieri b'kollox ħallas is-somma ta' €15,600 – dawna l-pagamenti saru kollha permezz ta' flus kontanti u ma hemm ebda riċevuta ta' tali ħlas.

24. Jirriżulta illi, skond ir-rikorrent, mument minnhom inqala' diżgwid bejn il-partijiet dwar kemm kien għadu dovut, w r-rikorrent avviċina l-fergħa tal-Caritas illi tipprovdi għajnuna u assistenza lill-persuni milquta bl-użura, u hemmhekk iltaqa' ma' Louis Bellizzi illi jgħin lill-persuni fil-bżonn illi javviċinaw tali komunita'.

25. Jirriżulta li Louis Bellizzi, li, fix-xhieda tiegħu mogħtija fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 70 sa 78), jikkontendi li ltaqa' mar-rikorrent fl-ewwel parti tas-sena 2019, irrediġa prospett tal-flejjes mislufa w il-pagamenti magħmula, abbażi ta' dak illi beda jgħidlu r-rikorrent, u wasal għal konklużjoni illi bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%), ir-rikorrent kien fadallu bilanċ x'iħallas lill-intimati fl-ammont ta' €6,244.93 (vide fol 12).

26. Jirriżulta, skond ix-xhieda ta' Louis Bellizzi, illi huwa intervjena ma' l-intimati u saħansitra ltaqa' magħhom diversi drabi sabiex tinstab soluzzjoni, fejn fil-bidu, filwaqt illi ma kienx hemm kontestazzjoni da' parte ta' l-intimati illi kienu sellfu flus lir-rikorrent, kien għad fadal kontestazzjoni dwar kemm kellu jintradd lura.

27. Jirriżulta madanakollu illi, mument minnhom, l-intimat Cleaven Camilleri għarraf lil Bellizzi illi huwa kien sellef xi flejjes oħra lir-rikorrent u illi l-vettura kienet inbiegħet lill-intimati mir-rikorrent u issa r-rikorrent ried jixtriha lura.

28. Jirriżulta li Bellizzi nel frattemp kien mgħarraf mir-rikorrent illi kien ser jirreferi l-każ lill-Pulizija.

29. Jirriżulta illi fis-17 ta' April 2019 ir-rikorrent kien għamel rapport lill-Pulizija (fol 40 – 42) dwar allegat użura da' parte ta' Joseph Camilleri u Cleaven Camilleri fejn saħaq illi l-intimat Joseph Camilleri kien qiegħed jinsisti illi r-rikorrent iħallsu €25,000 għall-vettura SIX-440 minkejja illi l-vettura kienet biss mogħtija bħala rahan kif ukoll illi kien ġia ħallas ammont konsiderevoli tas-somma lilu mislufa. Ir-rikorrent ippreżenta wkoll id-dokumentazzjoni redatta minn Louis Bellizzi – ma jirriżultax illi l-Pulizija qatt bdew proċeduri fil-konfront ta' Joseph u/jew Cleaven Camilleri.

30. Jirriżulta, sussegwentement, illi fl-10 ta' Ġunju tas-sena 2020, r-rikorrent ħallas l-ammont ta' €2,000 lill-Cleaven Camilleri, din id-darba permezz ta' ċekk maħruġ minn ħabib tiegħu, Michael Farrugia (fol 43), u ftit wara tħalla joħroġ il-vettura għal dawra.

31. Eventwalment, f'Novembru 2020 huwa ġie mgħarraf illi l-intimati kienu qed jirreklamaw il-vettura SIX-440 għal bejgħ u dan wassal sabiex jintavola Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati, Inibizzjoni Nru 1549/20, li ġie degretat a favur tar-rikorrent fil-25 ta' Novembru 2020 (fol 14).

32. Finalment, fil-15 ta' Diċembru 2020, huwa nieda l-proċeduri odjerni.

**Fatti skond l-intimati**

33. Jirriżulta illi l-intimati Joseph Camilleri u ibnu Cleaven Camilleri, jinsistu illi ma huwiex minnu illi huma qatt sellfu xi flejjes lir-rikorrent.

34. Jirriżulta illi skond ix-xhieda ta' Cleaven Camilleri mogħtija fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 73) u dik ta' Joseph Camilleri mogħtija fl-4 ta' Ottubru 2022 (fol 87), huma jikkontendu li l-vettura kienet inbieghet mir-rikorrent lilhom għal €20,000 u sussegwentement ried jerġa' jixtriha lura, fejn din id-darba Joseph Camilleri kien qed jitlob għall-prezz ta' €25,000, li minnhom r-rikorrent ħalla deposit ta' €2,000 u ma ħallas xejn aktar, u għalhekk tefgħuha għall-bejgħ, liema żvilupp eventwalment wassal għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra tagħhom u l-kawża odjerna.

35. Jirriżulta, di fatti, illi Joseph Camilleri jikkontendi li, darba minnhom, ir-rikorrent mar għandu u qallu li ried ibiegħlu l-karozza. Joseph Camilleri ftiehem li jixtri l-vettura, li sussegwentement ġiet reġistrata fuq ibnu, l-intimat Cleaven Camilleri, filwaqt illi lir-rikorrent tah €20,000 fi flus kontanti u Joseph Gatt iffirma l-log book – apparti l-firma fuq il-log book, ma sar ebda ftehim bil-miktub dwar bejgħ u ħlas.

36. Jirriżulta illi l-intimat Cleaven Camilleri, filwaqt illi jikkonferma illi l-vettura kienet inxtrat minn missieru, jisħaq illi jiftakar jara l-flus fl-ammont ta' għoxrin elf Euro f'kontanti kif ukoll jara lir-rikorrent Gatt jiffirma l-log book.

37. Jirriżulta, skond Joseph Camilleri, illi ħames snin wara kien biegħlu l-vettura, r-rikorrent Gatt avviċinah u qallu illi ried jerġa' jixtriha. Camilleri talab €25,000 u r-rikorrent għaddhielu deposit ta' €2,000 filwaqt illi l-għada ħa l-vettura għall-VRT, u sussegwentement Camilleri reġa' ħallsilha l-liċenzja u insurance, peress illi kienet garaged għal xi żmien.

38. Jirriżulta, skond Joseph Camilleri, illi r-rikorrent Gatt qatt ma ġie bil-kumplament tal-flus li kien qed jitlob Camilleri, ossija €23,000, u għalhekk beda jirreklamaha għall-bejgħ.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

39. Il-Qorti tibda billi tosserva illi tinstab rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet diametrikament opposti, fejn, minn naħa waħda, ir-rikorrent jikkontendi illi l-vettura SIX-440 ingħatat lil Joseph Camilleri u Cleaven Camilleri bħala rahan versu self lilu magħmul minnhom u li minnu ġia ħallas ammont konsiderevoli, filwaqt illi l-intimat Camilleri qed jikkontendu illi l-vettura hija tagħhom peress illi kien biegħielhom ir-rikorrent.

40. Il-Qorti tosserva wkoll dwar in-nuqqas ta' provi tanġibbli illi ġew ppreżentati quddiemha dwar kwalsiasi ftehim, peress illi t-transazzjonijiet kollha illi allegatament saru bejn il-partijiet, saru lkoll bil-fomm u ma sar xejn bil-miktub, filwaqt illi l-pagamenti kollha saru permezz ta' flus kontanti.

41. Tirrileva wkoll illi l-aktar dokument importanti, ossija il-Log Book tal-vettura, ma ġiex eżebit, la mill-intimati illi kellhom il-pussess tal-vettura sakemm sar il-Mandat ta' Inibizzjoni da' parte tar-rikorrent, u wisq anqas da' parte tar-rikorrent.

42. Il-Qorti tosserva illi, madanakollu, apparti x-xhieda tal-partijiet innifishom, quddiem il-Qorti xehdu żewġ persuni illi ma għandhom ebda rabta mal-partijiet, u li għalhekk din il-Qorti ser tagħtihom l-importanza illi jimmeritaw: Dr Chris Spiteri, bħala rappreżentant ta' Transport Malta, u Louis Bellizzi, bħala persuna involuta fil-Usury Foundation fi ħdan il-Caritas.

43. Jirriżulta illi r-rappreżentant ta' Transport Malta ippreżenta il-'*Vehicle History Details*' tal-vettura SIX-440, (fol 48 sa 58) li huma ta' rilevanza kbira sabiex il-Qorti tipprova tifhem il-fatti kif esposti mill-partijiet w tqis l-affidabilita' tal-verżjonijiet tagħhom.

44. Jirriżulta, l-ewwel u qabel kollox, illi l-vettura in kwistjoni għandha chassis numru 228870N116899 u, fejn jirrigwarda "*ownership*", kienet reġistrata hawn Malta f'isem Emanuel Gatt, missier ir-rikorrent, sa mid-9 ta' Awissu 1979 (fol 49).

45. Minn stħarriġ illi għamlet din il-Qorti dwar in-numru tac-chassis reġistrat ma' Transport Malta, jirriżulta illi l-vettura hija '*series 228*' u '*body 87 coupe Trans Am*', kif jindikaw l-ewwel ħames numri 22887, filwaqt illi s-sena tal-manifattura hija s-sena 1970, kif jindika s-sitt numru, 0. Jirriżulta wkoll illi l-vettura ġiet prodotta ġewwa *Norwood, Ohio*, kif tindika l-Ittra N filwaqt illi għandna magna *V8*, kif jindika n-numru 1 wara l-ittra N.[1]

46. Minn stħarriġ ulterjuri illi għamlet din il-Qorti, jidher illi fil-preżent, fuq is-suq amerikan, din il-vettura għandha valur medju ta' $71,516, ossija ftit aktar minn €65,000 fejn vetturi ta' kwalita' tajba kellhom valur ferm ogħla.[2]

47. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, il-vettura jidher illi ddaħħlet Malta minn missier ir-rikorrent, u dana fid-9 ta' Awissu 1979. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-1 ta' Awissu 2005 il-vettura daret għal fuq r-rikorrent u baqgħet hekk reġistrata sal-5 ta' Frar 2014 meta daret, għal ftit xhur, għal fuq ħabib tar-rikorrent, ċerta Joseph Schembri li, sussegwentement, fis-6 ta' Ġunju 2014 dawwarha fuq bint ir-rikorrent, Elaine Falzon.

48. Jirriżulta, sussegwentement illi fit-2 ta' Novembru 2016, il-vettura daret għal fuq l-intimat Cleaven Camilleri li, sussegwentement, fis-17 ta' Mejju 2019, dawwarha għal fuq missieru l-intimat Joseph Camilleri.

49. Jirriżulta illi bejn il-31 ta' Lulju 2018 u l-1 ta' Lulju 2020, il-vettura la kienet assikurata u wisq anqas ma kellha l-liċenzja tat-triq imġedda.

50. Jirriżulta interessanti wkoll, fid-dokument a fol 51 tal-proċess li juri l-assikurazzjoni tal-vettura kif reġistrati ma' Transport Malta, illi fit-13 ta' Ġunju 2020, ir-rikorrent, li għandu n-numru ta' Identita 0424369M, kien ħallas l-assikurazzjoni għall-vettura ma' Gasan Mamo Insurance għall-perjodu 13 ta' Ġunju 2020 sal-31 ta' Lulju 2021 filwaqt illi fl-1 ta' Lulju 2020, għal raġunijiet mhux magħrufa, ġie indikat li l-intimat Joseph Camilleri bin-numru ta' Identita' 0372357M ħallas l-assikurazzjoni għall-istess vettura ma' Bonnici Insurance Agency Limited għall-perjodu 23 ta' Ġunju 2020 sa 31 ta' Lulju 2021, u dana minkejja illi kienet ġia mħallsa.

51. Jirriżulta wkoll illi fl-1 ta' Lulju 2020, tħallset il-licenzja tal-vettura għall-perjodu sal-31 ta' Lulju 2021 – vide fol 51.

52. Il-Qorti tirrileva illi dawna l-kostatazzjonijiet fattwali huma ta' rilevanza għall-konsiderazzjoni tal-Qorti, stante illi huwa fatti inkonfutabbli illi ċertament għandhom jiġu kkunsidrati minn dina l-Qorti meta tkun qiegħda tqis l-affidabilita' o meno tal-verżjonijiet tal-partijiet.

53. Jirriżulta illi xhud ieħor prodott quddiem dina l-Qorti kien Louis Bellizzi, persuna indipendenti mill-partijiet u li jipprovdi l-għajnuna u l-esperjenza tiegħu fil-qasam tal-

[1] 1967-2002 Trans Am & Firebird VIN Decoder (classicindustries.com)
[2] 1970 Pontiac Trans Am - 2nd Gen Market - CLASSIC.COM

kontabbilita' fi ħdan il-Usury Foundation li hemm fil-Caritas sabiex jgħin lill-persuni illi nqabdu fiċ-ċirku tal-użura u djun, liema għajnuna hija waħda volontarja u din il-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita mill-lealta' w r-rettezza tiegħu bħala xhud tal-Qorti.

54. Jirriżulta illi, skond Bellizzi, wara li kien ġie avviċinat mir-rikorrent, huwa kien ikkomunika varji drabi ma' l-intimati, u kien sahansitra għadda kopja tad-dokumentazzjoni minnu redatta fuq l-informazzjoni tar-rikorrent lil Joseph Camilleri, kif ammess minn Joseph Camilleri fix-xhieda tiegħu a fol 92 tal-proċess.

55. Jirriżulta illi Louis Bellizzi kkonferma, fix-xhieda tiegħu, illi mument minnhom kien hemm qbil dwar il-bilanc illi kien għadu dovut, fejn in kontro eżami da' parte tal-konsulent legali ta' l-intimati, saħaq ukoll illi d-diskussjonijiet dejjem kienu jirrigwardaw flejjes illi kienu ġew mislufa lir-rikorrent mill-intimati, u mhux prezz ta' vettura mibjugħa mill-intimati lir-rikorrent (ara fol 72).

56. Jirriżulta wkoll illi, skond Bellizzi, il-kwistjoni ma kienet tissemma' qatt fil-bidu tad-diskussjonijiet iżda, hekk kif id-diskussjonijiet ma kienu wasslu imkien, l-intimati biddlu l-verżjoni tal-fatti tagħhom u bdew jasserixxu illi r-rikorrent kien biegħilhom il-vettura u kien ried jixtriha lura, fatt illi r-rikorrent kien jinnega.

**Ikkunsidrat**

57. Kif ġia osservat aktar 'il fuq, il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' fatti totalment differenti, u għalhekk il-Qorti trid tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-veraċita' o meno tal-fatti kif ppreżentati u min qiegħed jgħid il-verita'.

58. Kif osservat wkoll aktar 'il fuq, il-pern tal-każ kollu hija l-vettura Pontiac Trans Am tas-sena 1970 li tidher illi hija fi stat tajjeb ta' użu, stante illi tittella' regolarment għall-attivitajiet illi jorganizzaw għaqdiet ta' dilettanti tal-karozzi, dwar liema attivitajiet din il-Qorti hija ben a korrent tagħhom.

59. Huwa fatt inkonfutabbli illi tali vettura ilha fil-familja tar-rikorrent sa mis-sena 1979, meta daħħalha Malta missier ir-rikorrent, u għalhekk ċertament għandha valur sentimentali għar-rikorrent, li ċertament ma kienx ser jitlaqa' minn taħt idejh faċilment.

60. Jirriżulta li l-intimati, jisħqu illi wara li kien r-rikorrent stess li avviċinahom personalment b'offerta biex huma jixtru l-vettura, huma kienu attwalment xtraw il-vettura mingħand ir-rikorrent u lir-rikorrent kienu tawh €20,000 fi flus kontanti għal din il-vettura.

61. Jirriżulta illi Cleaven Camilleri jisħaq ukoll illi huwa ra lill-missieru jgħaddi €20,000 fi flus kontanti lir-rikorrent Joseph Gatt kif ukoll ra lil Joseph Gatt jiffirma l-log book u jdawwarha fuqu – u dana minkejja li dak iż-żmien il-vettura **ma kinetx** reġistrata fuq Joseph Gatt, iżda kienet rreġistrata fuq isem bintu, Elaine Falzon.

62. Jirriżulta illi, mill-banda l-oħra, r-rikorrent jikkontendi illi huwa kien talab flus b'self mingħand l-intimati li, minkejja li kienu ħbieb kif jisħaq Joseph Camilleri stess, kienu insistew li jingħataw garanzija għal tali self u, għal dan il-għan, qabel ma ngħata l-flus, huwa dawwar il-vettura għal fuqhom bħala rahan.

63. Din il-Qorti tistqarr illi, wara illi qieset in-nuqqas lampanti ta' kwalsiasi prova ta' transazzjoni magħmula intenzjonalment mill-intimati meta għaddewlu l-flus, kif ukoll wara illi qieset id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata quddiemha, tqis illi hija ferm

aktar kredibbli u verosimili l-verżjoni tal-fatti kif esposti mir-rikorrent milli minn dak illi qalu l-intimati, u dana qiegħed jingħad wara illi l-Qorti semgħet lit-tlett xhieda u rat il-komportament tagħhom quddiemha waqt tali xhieda.

64. Din il-Qorti ssibha ferm diffiċili tifhem kif persuna illi, allegatament, jgħaddi somma flus ta' ċerta portata, ossija €20,000, għal akkwist ta' vettura, ma jagħmel xejn bil-kitba sabiex jikkonferma li tali flejjes ingħaddew meta huwa ben magħruf illi llum il-ġurnata kwalsiasi transazzjoni ta' flus kontanti aktar minn €5,000 hija konsiderata b'ċirkospezzjoni kbira mill-awtoritajiet lokali kif ukoll esteri.

65. Din il-Qorti wkoll issibha ferm diffiċli kif lill-intimati jingħaddew varji somom ta' flus, fl-import totali ta' €17,600, fejn €15,600 kienu fi flus kontanti, w ta' dan r-rikorrent ma jingħata ebda tip ta' riċevuta ta' ħlas.

66. Tali nuqqas ta' dokumentazzjoni u riċevuti hija, minn natura tagħha stess, indikazzjoni illi l-intimati riedu illi kollox jibqa' mistur u moħbi sabiex ma jidher xejn mit-transazzjoni u self illi kienu qed jagħmlu kif ukoll sabiex l-intimati jkunu f'posizzjoni jimponu l-kundizzjonijiet illi huma riedu fuq r-rikorrent.

67. Finalment, il-Qorti ssibha ferm diffiċli, jekk mhux probabbilment totalment inveritjera, illi r-rikorrent jitlaq minn idu vettura ta' preġju u valur, bħalma hija Pontiac Trans Am tas-sena 1970, li għandha valur fis-suq ta' mhux anqas minn €65,000, u li kienet ilha fil-familja tiegħu sa mis-sena 1979, għas-somma misera ta' €20,000, kif Joseph Camilleri u ibnu Cleaven Camilleri jikkontendu illi għamel ir-rikorrent.

68. Din il-Qorti temmen illi r-rikorrent kellu problemi finanzjarji u għalhekk kien avviċina lil Joseph Camilleri, illi kien ħabib tiegħu, sabiex jgħinu ftit sabiex isolvi l-problemi finanzjarji tiegħu u li, wara l-intervent ta' Cleaven Camilleri, huwa ġie imġiegħel idawwar il-vettura għal fuq Cleaven Camilleri sabiex jagħmel tajjeb għall-flus lilu mislufa.

69. Dana il-fatt huwa kkorroborat wkoll mill-fatt mhux kontestat mill-intimati, illi waqt li l-vettura kienet fil-pussess ta' Joseph Camilleri u reġistrata fuq ibnu, Cleaven Camilleri, ir-rikorrent Joseph Gatt kien jitħalla juża l-vettura okkazzjonalment sabiex il-vettura ma ssirilhiex ħsara riżultat tan-nuqqas ta' użu, u saħansitra jtella' l-vettura għal-shows ta' karozzi antiki bħalikieku l-vettura kienet għadha ta' Joseph Gatt.

70. Għalhekk, il-Qorti ma għandha ebda dubju tasal għal konklużjoni illi l-vettura SIX-440 tal-għamla Pontiac Trans Am ġiet imdawwra fuq Cleaven Camilleri bħala garanzija ta' rifużjoni ta' self illi l-intimati kienu għaddewlu, u liema self kien fl-ammont ta' €20,000, li hija l-unika somma li l-intimati jikkonfermaw illi għaddew lir-rikorrent.

71. Il-Qorti ma għandha assolutament ebda dubju illi s-somma ta' €20,000 msemmija mill-intimati ma ngħaddietx bħala prezz għall-akkwist tal-Pontiac Trans Am SIX440, iżda unikament bħala self lir-rikorrent, liema somma kellha tintradd lura lilhom.

## Ikkunsidrat

72. Għal dan illi jirrigwarda rifużjoni tas-self lilu mogħti, l-Qorti tirrileva li r-rikorrent jisħaq illi huwa ħallas lill-intimati s-somma ta' €17,600, kif indikat fil-para's 23 u 30 aktar 'il fuq. L-intimati, mill-banda l-oħra, jiċħdu illi qatt irċevew xi flus kontanti mingħand ir-rikorrent u jikkontendu li l-unika somma illi huma rċevew kienet attwalment is-somma ta' €2,000 li kien attwalment ċekk, fejn jinsistu illi dana kien biss depositu għall-vettura.

73. Il-Qorti tirrileva illi kieku tassew is-somma ta' €2,000 kienet depositu għall-vettura, u kieku tassew Joseph Camilleri kien ħabib tar-rikorrent, kif għoġbu jgħid lil dina l-Qorti, tali depositu kien semmai jintradd lura lir-rikorrent hekk kif għażlu illi jqiegħdu l-vettura għall-bejgħ fuq il-paġna tal-Facebook ta' Cleaven Camilleri.

74. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi l-asserzjoni ta' depositu da parte ta' l-intimati kienet waħda li kellhom ta' bilfors jgħidu l-istess intimati, peress illi kienet l-unika istanza fejn, għal raġunijiet mhux magħrufa, hemm dokumentat illi ngħataw ammont ta' flus mingħand ir-rikorrent, liema pagament sar permezz ta' ċekk – il-pagamenti kollha l-oħra fl-import ta' €15,600 lkoll saru fi flus kontanti u għalhekk kien konvenjenti għall-intimati jiċħdu illi rċevew kwalsiasi flejjes mingħand ir-rikorrent peress illi ma hemm ebda prova biex jikkonferma dan.

75. Il-Qorti, madanakollu, tqis illi hija ferm aktar veritjera l-asserzjoni tar-rikorrent illi huwa kien għadda lill-intimati s-somma ta' €17,600 milli ċ-ċaħda kategorika ta' l-intimati illi huma qatt ma sellfu flus u illi qatt ma rċevew flus mingħand ir-rikorrent, għajr għad-depositu.

76. Tali assersjoni hija bbażata wkoll fuq il-fatt li l-intimat Joseph Camilleri jgħid li Gatt ġie għandu "*ħames snin*" wara li kien "akkwista" l-karozza, meta mill-fatti jidher illi trasferiment fuq l-intimat Cleaven Camilleri seħħ fit-2 ta' Novembru 2016 u ċ-ċekk ta' €2,000 li allegatament kien depożitu, inħareġ fl-10 ta' Ġunju 2020 (fol 43) kif ukoll ir-rikorrent stess ħallas l-assikurazzjoni tal-vettura fit-13 ta' Ġunju 2020 (vide para 50), ossija ftit aktar minn tlett snin wara li seħħ it-trasferiment.

77. Abbażi ta' dawna l-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija konvinta illi l-intimati sellfu lir-rikorrent is-somma ta' €20,000, li minnhom r-rikorrent raddilhom lura s-somma ta' €17,600, u li biex jagħmel tajjeb għal tali pagamenti, huwa dawwar fuq l-intimat Cleaven Camilleri il-vettura SIX-440 bħala garanzija.

78. Jirriżulta, għalhekk, illi mis-somma ta' €20,000, ir-rikorrent għad fadallu jħallas is-somma ta' €2,400.

79. Dwar kwistjoni ta' imgħax dovuti w kemm kellu jkun l-imgħax, la darba l-intimati insistew dejjem mal-Qorti illi huma qatt ma sellfu flejjes lir-rikorrent, w ir-rikorrent qatt ma jagħmel ebda indikazzjoni dwar x'seta' kienu l-modalitajiet tar-radd lura tas-self lilu mogħti, għalhekk il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tistabilixxi la jekk tali self ingħatax bl-imgħax jew le, kif ukoll kemm kien tali imgħax u jekk kienx mitlub rata ta' imgħax ogħla minn dik permessibbli.

**Ikkunsidrat**

80. Stabbiliti tali fatti u magħmulin tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti trid issa tqishom fl-ottika tat-talbiet kif redatti u magħmula quddiemha.

81. Jirriżulta illi r-rikorrent, fl-ewwel Talba, talab lill-Qorti sabiex tiddikjara li s-self kien milqut b'kawża illeċita peress illi kien hemm imposta rata ta' imgħax ogħla minn dik permessibbli – mill-provi kif prodotti, filwaqt li ġie ppruvat illi somma flus ingħaddiet lir-rikorrent mill-intimati, ir-rata tal-imgħax ma ġietx identifikata, u għalhekk tali talba ma tistax titqies favorevolment.

82. Jirriżulta illi fit-Tieni u Tielet Talba, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li huwa ħallas lill-intimati s-somma ta' €17,600 u li fadallu jħallas is-somma ta' €2,700 flimkien mal-

imgħax mis-7 ta' Ottubru 2018 'il quddiem – filwaqt illi jirriżulta ppruvat li r-rikorrent għadda l-ammont ta' €17,600 f'pagamenti varji, l-maġġoranza tagħhom fi flus kontanti, ma jirriżultax illi r-rikorrent qatt offra xi pagament ieħor fis-7 ta' Ottubru 2018 kif ukoll jirriżulta li, mis-somma ta' €20,000 mislufa, għad fadal bilanċ ta' €2,400 biss. – Għalhekk, it-Tieni Talba tirriżulta ppruvata filwaqt illi t-Tielet Talba, kif redatta ma tirriżultax.

83. Jirriżulta illi fir-Raba' Talba, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat illi huwa baqa' sid tal-vettura – fil-każ odjern, ħareġ ċar illi għalkemm il-vettura iddawwret għal fuq Cleaven Camilleri fit-2 ta' Novembru 2016, dina saret biss bħala garanzija għall-ħlas tas-self, u għalhekk il-vettura ingħatat lil Cleaven Camilleri bħala rahan, bir-riżultat illi l-vettura dejjem kienet u baqgħet propjeta' ta' Joseph Gatt. Għalhekk tali talba timmerita illi tiħi akkolta.

84. Jirriżulta illi fil-Ħames, Sitt u Sebgħa talba, ir-rikorrent talab li jiġi ordnat lill-intimati sabiex iroddu lura, kemm fiżikament kif ukoll permezz ta' trasferiment uffiċjali ma' Trasport Malta, il-vettura SIX-440 lir-rikorrent ladarba huwa jħallas il-bilanċ lilhom dovut, w fin-nuqqas ta' dan, jingħata l-faċilita' li tali trasferiment isir minnu stess filwaqt illi jkun jista' jieħu pussess tal-vettura bl-għajnuna tal-awtoritajiet kompetenti – mill-provi kollha li ħarġu, jirriżulta illi tali talbiet jimmeritaw illi jintlaqgħu.

**Ikkunsidrat**

85. Il-Qorti finalment jidhirlha opportun illi tagħmel ukoll referenza għall-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimat, ossija illi "l-azzjoni kif proposta hija milquta bil-preskrizzjoni estintiva u/jew bit-termini ta' dekadenza kif kontemplati fil-Liġi".

86. Jirriżulta illi fl-1 ta' Marzu 2021, il-Qorti kienet ordnat lill-intimati sabiex fi żmien ġimgħatejn jindikaw l-Artikolu ta' Liġi abbażi ta' liema qegħdin jqajjmu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni (fol 31A).

87. Jirriżulta illi sas-seduta tal-4 ta' Mejju 2021, tali indikazzjoni ma kinetx ingħatat.

88. Jirriżulta illi fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2021, il-Qorti reġgħet akkordat lill-intimati sas-seduta li jmiss, sabiex jindikaw l-Artikoli tal-Liġi, filwaqt illi avżat lill-istess intimati li, fin-nuqqas "il-Qorti mhux se tieħu aktar konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni".

89. Jirriżulta illi fis-7 ta' Lulju 2021, il-Qorti osservat illi, għal darba oħra, l-intimati naqsu milli jottemperaw ruħhom mal-ordni tal-Qorti, u għalhekk qieset illi ma hijiex ser tieħu aktar konjizzjoni tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.

90. Jirriżulta illi, tul il-kumplament tal-kawża, id-deċiżjoni ta' dina l-Qorti ma ġiet bl-ebda mod ikkontestata w, saħansitra, fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, l-abbli difensur ta' l-intimati ma għamel ebda aċċenn għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni minnu mqajjma.

91. Għalhekk, din il-Qorti ma hijiex ser tqis l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ulterjorment.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda, tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati, u għalhekk:

**Tiddeċiedi** t-talbiet rikorrenti kif ġej:

**Tiċħad** l-Ewwel Talba.

**Tilqa'** t-Tieni Talba u tiddikjara li r-rikorrent ħallas lill-intimati l-ammont ta' €17,600 bħala rifużjoni tas-self ta' €20,000 li kien ingħata lir-rikorrent mill-intimati.

**Tilqa'** t-Tielet Talba limitatament u dan billi tiddikjara illi r-rikorrent fadallu jħallas l-ammont ta' €2,400 lill-intimati, għas-saldu tas-self lilu mogħti minnhom.

**Tilqa'** r-Raba' Talba u **Tiddikjara** illi r-rikorrent huwa sid tal-vettura Pontiac Trans Am bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX-440, liema vettura ġiet mogħtija lill-intimati bħala rahan versu l-ħlas tas-self lilu mogħti mill-intimati.

**Tilqa'** l-Ħames, Sitt u Sebgħa Talba tar-rikorrenti u tagħti s-segwenti ordnijiet:

1. **Tordna** lil Joseph Gatt sabiex jiddeposita, permezz ta' Ċedola ta' Depositu fir-Reġistru tal-Qorti, il-bilanċ tas-somma ta' €2,400, u dan sa mhux aktar tard minn tlett xhur mil-lum, wara li minn tali somma jitnaqqsu l-ispejjeż kollha kif ser jiġu hawn taħt deskritti, sabiex dawna l-flejjes jiġu liberament żbankati mill-intimati;

2. **Tordna** lil Joseph Gatt sabiex, permezz ta' nota, jippreżenta kopja ta' tali Ċedola ta' Depositu fl-atti tal-proċeduri odjerni.

3. **Tordna** lill-intimat Joseph Camilleri sabiex, hekk kif isir id-depositu tal-flejjes kif fuq indikati mir-rikorrent, sa mhux aktar tard minn ġimgħatejn wara d-data tad-depositu, jiffirma d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mal-awtoritajiet kompetenti sabiex il-vettura SIX-446 tiddawwar fuq r-rikorrent Joseph Gatt.

4. **Tappunta**, minn issa, lil Dr Julia Micallef Stafrace, bħala Kuratur sabiex tidher għall-assenti Joseph Camilleri u sabiex, a spejjeż ta' l-intimati, f'każ illi l-intimat Joseph Camilleri jonqos milli jiffirma l-Log Book tal-vettura SIX-446 u kwalsiasi dokumentazzjoni oħra fiż-żmien ta' ġimgħatejn lilu mogħti, hija tkun awtorizzata tiffirma d-dokumenti kollha meħtieġa flok Joseph Camilleri sabiex jiġi assikurat illi l-vettura tiġi reġistrata uffiċjalment f'isem sidha, ossija ir-rikorrent Joseph Gatt.

5. **Tordna** lill-intimat Joseph Camilleri sabiex, mal-iffirmar tad-dokumentazzjoni hawn fuq indikata, jirritorna minnufih il-pussess tal-vettura Pontiac Trans Am bin-numru ta' reġistrazzjoni SIX-440 flimkien maċ-ċwievet kollha tagħha, fin-nuqqas ta' liema ritorn, il-Qorti tawtorizza lir-rikorrent sabiex jieħu lura pussess ta' l-istess vettura personalment, okkorrendo bl-intervent tal-Marixxalli tal-Qorti flimkien mal-Uffiċjali tal-Pulizija.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni, kif ukoll tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru 1549/2020MH, ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom, li għandhom jitnaqqsu mis-somma dovuta mir-rikorrent, kif hawn fuq deskritt.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**